**BIEX INKOMPLU U NASLU**

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Għerf.**
**Għerf 9, 13-18b**

Min jista' jagħraf il-ħsieb ta' Alla? Min jista' jifhem xi jrid il-Mulej? Beżżiegħa l-ħsibijiet tal-bnedmin tad-dinja, u kull pjan tagħna jisfa' fix-xejn; għax ruħna mtaqqla b'ġisem li jitħassar, u din it-tinda tagħna tat-tafal hi piż għar-ruħ li tħobb taħseb. Bilkemm nistgħu nintebħu x'hemm fuq l-art, u jkollna nbatu sa, ma nsibu ħaġa, imqar jekk tkun taħt idejna; mela min qatt kixef x'hemm fis-sema? U min qatt għaraf x'inhi r-rieda tiegħek, jekk inti nnifsek ma tajtux il-għerf u ma bgħattx fuqu mill-għoli l-Ispirtu qaddis tiegħek? B'hekk saru dritti l-mogħdijiet ta' dawk li huma fuq l-art, b'hekk tgħallmu l-bnedmin kif isiru jogħġbuk, u bis-saħħa tal-għerf salvaw.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 89**
**Mulej inti kenn għalija.**

Int treġġa' l-bniedem lejn it-trab,
u tgħid "Erġgħu lura, ulied il-bniedem!''
Elf sena huma f'għajnejk
bħall-jum tal-bieraħ li għadda,
jew bħal sahra ta' lejl.

**R/. Mulej inti kenn għalija.**

Int taqbadhom bħal f'nagħsa.
Huma bħal ħaxix li jħaddar filgħodu;
filgħodu kmieni, sabiħ u jħaddar,
Imma jidbiel u jinxef filgħaxija.

**R/. Mulej inti kenn għalija.**

Għallimna ngħoddu jiem ħajjitna,
biex hekk nimxu b'moħħ għaqli.
Dur lejna, Mulej! Kemm se ddum?
Ħenn għall-qaddejja tiegħek.

**R/. Mulej inti kenn għalija.**

Imliena malajr bit-tjieba tiegħek,
biex nifirħu u nithennew tul jiemna kollha.
Ħa tkun fuqna l-grazzja ta' Alla Sidna!
Wettqilna int xogħol idejna,
xogħol idejna wettaq.

**R/. Mulej inti kenn għalija.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Filemon.**
**Fil 9b-10, 12-17**

Għażiż: Jiena, Pawlu, raġel xwejjaħ, u issa priġunier ta' Kristu, qiegħed nitolbok għal ibni, li jien nissilt fil-ktajjen, għal Onesimu. Jiena bgħatthulek lura, lilu, jiġifieri bgħattlek qalbi stess.
Xtaqt kieku żammejtu miegħi jien, biex, kif jien fil-ħabs għall-Evanġelju, idur bija hu flokok. Iżda ma ridt nagħmel xejn mingħajr ma nara x'jidhirlek int, biex l-opra tajba tiegħek ma tkunx magħmula għax imġiegħel, imma tkun ħierġa mill-qalb. Għandu mnejn li hu għalhekk telaq minn miegħek għal ftit, biex inti terġa' tiksbu lura għal dejjem, mhux iktar bħala lsir, imma iktar minn ilsir, bħala ħuk għażiż, għażiż fuq kollox għalija, imma kemm iktar għalik, skond id-dinja u skond il-Mulej. Int, mela, jekk inti qalb waħda miegħi, ilqgħu bħallikieku kont jien!

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Urini, Mulej, it-triq tiegħek,
mexxina minn mogħdija watja.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 14, 25-33**

F'dak iż-żmien: Kotra kbira ta' nies kienet miexja ma' Ġesu': hu dar lejhom u qalilhom: "Min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jkunx jobgħod 'il missieru u 'l ommu u 'l martu u lil uliedu u lil ħutu subien u bniet, u saħansitra 'l ħajtu stess. Min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistax ikun dixxiplu tiegħi. Għax min minnkom ikun irid jibni torri, u ma joqgħodx bilqiegħda biex l-ewwelnett iqis in-nefqa, ħa jara għandux biżżejjed biex iwassal sa l-aħħar? Għax jekk jiġrilu li jqiegħed is-sisien biex imbagħad ma jkunx jista' jtemm il-bini, kull min jarah jibda jwaqqgħu għaċ-ċajt u jgħid, 'Dal-bniedem beda jibni u ma kellux ħila jwassal fit-tmiem.'
Jew liema sultan, li jkun sejjer jaqbad gwerra kontra sultan ieħor, ma joqgħodx bilqiegħda biex l-ewwelnett jaħsibha tajjeb jekk jistax ikun li b'għaxart elef raġel iħabbatha ma' min ġej għalih b'għoxrin elf ruħ? Għax inkella jiġrilu li, imqar meta l-ieħor ikun għadu 'l bogħod jibgħatlu ambaxxata biex jitolbu l-ftehim għall-paċi. Daqshekk ieħor jiġrilu kull wieħed minnkom li ma jiċħadx għal ġidu kollu; ma jistax ikun dixxiplu tiegħi.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**